**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Frar, 2019

Rikors Guramentat numru : 129/17 AL

**A B**
**v.**
**Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Gillian Muscat**
**bħala kuraturi tal-assenti**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet twieldet il-minuri G C D fit-26 ta' April, 2006 ta' ħdax-il sena (ara ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala Dok A;

2. Illi l-esponenti ma għanda l-ebda idea fejn qed jirresjedi l-intimat u m'għandix indirizz postali tiegħu. Illi ma taf lanqas jekk ghadux qieghed jirrisjedi Malta. Illi in effetti, meta l-minuri kellha

kważi sentejn, hija kienet kostretta taħrab mid-dar matrimonjali minħabba vjolenza domestika;

3. Illi l-minuri tirresjedi mal-esponenti filwaqt li l-intimat ilu li qata kull kuntatt minn mal-minuri għal dawn l-aħħar disgħa (9) snin;

4. Illi permezz ta' digriet datat 4 ta' Mejju, 2017, ġew innominati il- kuraturi deputati tat-turn Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Gillian Muscat sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D f'dawn l-atti u fl-atti kollha sussegwenti (ara digriet immarkat bħala Dok B hawn anness);

5. Illi il-partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datata 24 ta' April 2017 (ara digriet immarkat bħala Dok C hawn anness);

6. Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment (ara Affidavit tal-esponenti hawn anness u mmarkat bħala Dok D);

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri G C D f'idejn l-esponenti u tawtorizza sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u decizjonijiet ohra inkluz u mhux limitati ghall-religjon, trobbija, safar tal-minuri inkluz hrug u/jew tigdid ta' passaport tal-minuri u b'mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri mingħajr il-bzonn tal-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens tal-konvenut, u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha jesponu :

Illi huma, fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenut mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, filwaqt li jirrimettu ruhhom ghas-savju u superjuri gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti, jirrizervaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.

Salv kull eccezzjoni ohra ulterjuri.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn ir-rikorrenti u l-intimat assenti C D fil-kapaċita` tagħhom ta' ġenituri tal-minuri G C D, fejn qiegħda tintalab tafda l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri G esklussivament lir-rikorrenti. Stante li l-

intimat huwa assenti minn Malta, qiegħed jiġi debitament rappreżentat f'dawn il-proċeduri, mill-Kuraturi maħtura għal dan l-iskop.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva, partikolarment għall-iskop tal-ġurisdizzjoni tagħha, illi jirriżultalha li l-minuri G tgħix u tinsab hawn Malta flimkien ma' ommha r-rikorrenti, hija ċittadina Maltija u tinsab domiċiljata hawn Malta.

L-**attriċi** xehdet bil-proċedura tal-affidavit[1] fejn hija spjegat illi hija mwielda t-Togo, iżda kienet tirrisjedi n-Niġerja fejn hija għandha wkoll żewġ ulied oħra, li jirrisjedu ma' ommha, in vista li missierhom miet f'inċident; Hija kellha bżonn taħdem sabiex tgħajjex dawn it-tfal u għalhekk ċirka tlettax-il sena ilu marret lejn il-Libja fejn ħasbet li setgħet issib xogħol. Kellha timxi sebat'ijiem fid-deżert biex waslet il-Libja, u meta waslet, is-sitwazzjoni ma kinitx kif kienu qalulha. Kien f'dawn iċ-ċirkosatnzi li hija ltaqgħet mal-intimat. Sabha tibki u f'paniku kbir u qalilha li setgħet tafdah. Huwa kien sejjer lejn l-Ewropa biex jaħdem.

Fil-Libja, il-partijiet kellhom relazzjoni qasira. Huwa sussegwentement waslu hawn Malta bid-dgħajsa fl-2005. Meta waslu Malta, l-intimat kien qalilha biex tgħid illi huma miżżewġin. Billi kien ġabha hu hawnhekk, kien jagħmel pussess fuqha u kienet tħossha kostretta tagħmel li jgħid hu.

Fiċ-ċentru ta' detenzjoni, kellha suspett li setgħet kienet tqila u xejn ma ħadet pjaċir għaliex l-intimat diġa kellu tlett'itfal minn tliet nisa differenti. Fuq kollox, l-aġir aggressiv tiegħu fil-konfront tagħha, xejn ma kien jogħġobha. Hija ħassitha skjava tiegħu, tagħmel kollox li jrid hu u issa wisq inqas kien ser ikollha għażla ladarba kien ser ikollha t-tarbija tiegħu. Damu fiċ-ċentru ta' detenzjoni għal seba' xhur u sussegwentement bdew jgħixu flimkien f'Birkirkara.

---

[1] fol. 14 tal-proċess;

Fis-26 t'April 2006[2] twieldet il-minuri G. Marru jgħixu ġewwa Bormla u l-problemi bejniethom kibru għaliex kienu jiġġieldu spiss. L-intimat beda jixrob ħafna u jidħol id-dar fi x'hin irid. Xi drabi kien anke jorqod barra. L-intimat qatt m'għamel xejn għall-G ħlief iċ-ċertifikat tat-twelid. Kienet l-attriċi li ħadet ħsieb it-trobbija tagħha anke finanzjarjament.

L-attriċi sabet xogħol bħala *housekeeper* fil-lukanda Hilton. L-intimat kien imeriha li hija kienet sejra għax-xogħol u kien anke jsegwiha biex jara li kienet tassew hemmhekk. Kull fejn tmur kienet issibu warajha u ried jikkontrollaha, tant li hija kienet tibża li ser joqtolha. Ġurnata minnhom kien sawwatha u rrappurtatu lill-Pulizija. Biex setgħet taħdem kienet tħalli lill-minuri G li sadattant kellha sentejn, mal-ġara tagħha Joanne. Jum fost l-oħrajn l-intimat mar biex jieħu t-tifla mingħand Joanne imma din ċemplitilha u l-attriċi fittxet l-assistenza tal-Pulizija. Hemmhekk hija ddeċidiet li titlaq mid-dar bit-tifla għaliex ħasset li ma kinitx iktar sikura. Sabet ħafna għajnuna mill-kollegi tax-xogħol u rnexxielha tmur tgħix f'residenza f'Ħal Qormi, fejn kellha kera baxxa.

L-intimat kien iċemplilha regolarment mhux biex jistaqsi dwar it-tifla iżda biex jgħidilha tmur lura d-dar. Kien wara xahrejn li staqsa għat-tifla u talab biex jaraha. L-attriċi qaltlu li ma kellhiex problema dwar dan iżda kellu jibda jikkontribwixxi finanzjarjament għat-tifla. Kien qalilha li jgħaddilha l-flus biss jekk tmur torqod għandu. Darbtejn marret turih lit-tifla u hu kien jisforza ruħu fuqha, b'hekk hi ma marritx iktar. L-intimat qata' kull kuntatt magħha u f'disa' snin qatt ma ħa ebda interess f'bintu.

Sabet għajnuna finanzjarja mill-kollegi tax-xogħol li tawha wkoll ħwejjeġ għat-tifla. Ċerta E S bdiet tieħu ħsieb il-minuri sakemm hija tmur għax-xogħol. Xi drabi, G anke kienet torqod għandha u l-attriċi kienet tħoss li setgħet tafdaha.

G bdiet tmur l-iskola. L-attriċi kienet tieħu ħsiebha bħal kull omm oħra, teħodha għand tabib meta ma tiflaħx, tmur il-parents

[2] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 5;

day u tipprovdilha kollox. Meta G kellha disa' snin, l-attriċi, flimkien mal-minuri, marret tgħix l-Imsida mas-sieħeb tagħha John. Hemmhekk G għandha l-kamra tagħha u tħossha kuntenta. Lil John issejjaħlu Daddy għax imorru tajjeb flimkien. Huwa jgħin lill-attriċi anke fit-trobbija tat-tifla. Pero` G, xorta waħda ma qatgħetx kull kuntatt ma' E li qisha l-familja tagħha wkoll. Il-minuri tattendi l-iskola tal-Imsida u tmur ukoll għall-basketball. Il-kowċ u martu, it-tnejn iħobbu lil G u jippruvaw jgħinuha fejn jistgħu.

L-attriċi tixhed dwar episodju infeliċi fejn raġel anzjan li jgħix viċin tagħhom beda jittanta lill-G fit-triq mill-iskola lejn id-dar. Kien jagħtiha l-flus u ċ-ċikkulata iżda kien ukoll iniżżillha d-dublett u jikkorrompiha. L-attriċi fittxet l-assistenza tal-Agenzija Appoġġ fejn assistewha biex tagħmel rapport lill-Pulizija u eventwalment inbdew proċeduri kriminali fil-konfront ta' dan ir-raġel. Minħabba dan l-episodju, l-attriċi biddlet ir-residenza tagħha, sabiex ma tkux fiż-żona ta' dan l-anzjan. Xorta waħda baqgħet tgħix l-Imsida sabiex ma jitilqux mill-ambjent u l-komunita` li huma integraw fiha.

Hija kellha l-problemi biex tikseb passaport għall-G mingħajr il-firma tal-missier. Xtaqet teħodha Venezja biex tiltaqa' maz-zija tagħha (oħt l-attriċi) li qatt ma kienet ratha. Il-minuri xtaqet tmur il-Greċja mat-tim tal-basketball.[3] Il-minuri reġgħet kienet teħtieġ il-firma tal missier biex setgħet tapplika għall-Iskola Nazzjonali tal-Isport[4].

L-attriċi tagħlaq l-affidavit tagħha hekk: *"I simply [want] my daughter to be happy and not miss out on things because of her father, like has happened in her past. Richard is not even a father for G since he has not taken care of her and did not even try to make contact with us. G in fact has not seen him for a very long time. I want the best for my daughter and that is why I am seeking the exclusive care and custody of my daughter."*

Xehdet ukoll **E T S**[5], illi kkonfermat li kienet tgħin lil A meta kienet ser titlaq lir-raġel tagħha, u kellha tifla żgħira ta' sentejn u erba' xhur. Tiftakar illi fis-17 ta' Lulju 2008, A u G marru jgħixu faċċata tad-dar

[3] Ara r-rikors tal-attriċi tat-12 ta' Lulju 2018, fol. 58;
[4] Ara r-rikors tal-attriċi tal-20 ta' Ġunju 2017, u d-dokumenti miegħu annessi, fol. 23 et seq.
[5] Affidavit fol. 42;

tax-xhud għand ċerta L. Din L  staqsiet lix-xhud jekk setgħetx tgħin billi tieħu ħsieb it-tarbija u hija kienet aċċettat. A kienet tieħu lil G għandha kull filgħodu u hi kienet tieħu ħsiebha sakemm iddum ix-xogħol. Ix-xhud fl-istess żmien kienet tieħu ħsieb tifel ieħor u għalhekk G kienet tieħu gost tilgħab miegħu. G kienet torqod għand ix-xhud fi tmien il-ġimgħa.

Lil missier G, ix-xhud qatt ma ratu. Qatt ma mar għandha u staqsa għat-tifla u qatt ma kien preżenti f'ħajjitha. Tiftakar li wara xi xahar li marru jgħixu viċin tagħha, A qaltilha li missier G xtaq jaraha. Wara siegħa biss huma kienu rritornaw id-dar u qatt ma reġa għamel kuntatt. Ix-xhud ma tafx jekk huwiex qiegħed Malta iżda taf li A u G m'għandhom l-ebda komunikazzjoni miegħu. Fil-fatt, G lanqas biss tafu lil missierha.

Ir-relazzjoni tax-xhud mal-attriċi hija waħda tajba. Hija tiddiskriviha bħala omm li dejjem uriet interess u kienet tieħu ħsieb il-minuri. Dejjem kienet preżenti f'ħajjitha u kienet tapprezza li x-xhud u żewġha kienu jagħtu l-kontribut tagħhom. Taf li A kellha l-problemi meta tiġi bżonn il-firma tal-missier, peress li qatt ma kien preżenti.

**P O**[6], ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ tiddeskrivi lill-attriċi *"apart from being committed to her appointments and the different professionals supporting her, Ms. A is also a very responsible and dedicated mother."* Hija tiddiskrivi l-impenn sħiħ tal-omm meta l-minuri kienet qed tiġi avviċinata b'mod mhux xieraq minn anzjan fil-viċinanzi tagħhom. L-omm kellmet lill-anzjan personalment u wissietu biex ma jkellimx iktar lil bintha. Meta rrepeta l-aġir tiegħu hija fittxet l-għajnuna tal-Aġenzija u tal-Pulizija.

Ix-xhud tispjega wkoll illi l-attriċi u l-minuri integraw sew fis-soċjeta`. Kemm l-omm u wkoll il-minuri għandhom ħafna ħbieb. Il-minuri hija attiva ferm u tattendi l-mużew, il-baskitbol, privat tal-Ingliż u "Building Blocks Project". G taf titkellem kemm bil-Malti u wkoll bl-Ingliż. Spjegat ukoll kemm kien ta' benefiċċju s-sapport li l-attriċi sabet minn familja f'Ħal Qormi u r-rapport sabiħ li l-familji għandhom bejniethom.

**M V**, il-prinċipal tal-iskola medja fi ħdan il-Kulleġġ Santa Tereża, ikkonferma illi G D tattendi l-iskola regolarment.[7]

---

[6] Affidavit, fol. 43;
[7] Dokument esebit fol. 45;

**I R**, direttur ta' Starlites Basketball Club, ikkonferma li G tattendi regolarment għall-basketball u t-tournaments relattivi.[8] *"She has always been encouraged by her mother who pushes hew towards taking an active lifestyle and who shows interest in her daughter taking up this sport."*

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[9] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[10], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et[11] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony

---

[8] Dokument esebit fol. 46;
[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;
[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

Scicluna[12] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti, għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[13]. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[14]

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Fil-każ in eżami, jirriżulta illi l-intimat ma wera ebda interess illi jżomm il-kuntatt ma' bintu G, għajr inizjalment, bl-iskop aħħari li jkompli jabbuża mill-attriċi ommha. Ġie kkonfermat mhux biss mill-omm ossia l-attriċi, iżda wkoll mix-xhud E T S, illi rabbiet lill-minuri fi ċkunitha għal sigħat twal sakemm l-attriċi kienet taħdem, illi l-intimat m'huwiex parteċipi fil-ħajja ta' bintu u li l-minuri ma tafx lil missierha.

Min-naħa l-oħra, jirriżulta illi l-omm għandha l-interess ta' bintha bħala prijorita`. Hija tagħmel sforz li trabbiha bħal tfal oħra u li żżommha attiva anke bl-isport. Il-Qorti tapprezza ferm l-isforzi ta' din l-omm, li minkejja d-diversi sfidi li kellha taffaċċja,

---

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[13] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[14] Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL) u Luisa Busietta vs. Dr. Christopher Chircop et noe. (Rikors Ġuramentat: 254/16AL) deċiża 21 ta' Novembru 2017;

fosthom l-isfond vjolenti tal-konċepiment tal-minuri, tat trobbija tajba lil bintha, anke materjalment. Fejn ma setgħetx tasal weħidha, fittxet l-għajnuna u llum bintha tgħix ħajja feliċi ferm integrata ma' tfal oħra. Anke l-aġir tal-omm fil-konfront tar-raġel li allegatament immolesta lill-minuri kien korrett, billi ma ddejqitx tikkonfrontah personalment u sussegwentement rrappurtatu lill-Pulizija. Hija fittxet l-għajnuna għal bintha mal-professjonisti u tieħu ħsieb tattendi għall-appuntamenti magħhom. Inoltre, l-omm ma ħasbithiex darbtejn biex tbiddel ir-residenza tagħhom, sabiex b'hekk ma jibqgħux jgħixu fil-viċinanzi ta' dan ir-raġel. Il-Qorti tikkonkludi li l-attriċi qiegħda taqdi b'mod tajjeb l-obbligi tagħha ta' omm fil-konfront tal-minuri G u m'hemm  l-ebda raġuni għaliex il-Qorti m'għandhiex takkorda il-kura u l-kustodja tal-minuri G esklussivament u unikament f'idejn l-attriċi.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dana illi:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri G C D, imwielda fis-26 ta' April 2006, esklussivament f'idejn l-attriċi u tawtorizzaha sabiex tieħu kwalsiasi deċiżjoni relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri u deċizjonijiet oħra inkluż u mhux limitat rigward ir-reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri, mingħajr il-bżonn tal-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens tal-konvenut assenti;

2. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta;

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat C D, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.